MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 587/2008

**Charles Grech & Co Limited (C 2473)**

**vs**

**Rosario Tabone (ID 408967 M) u Claudia Tabone (ID 303569 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin ewro u tmintax-il centezmu (€1,272.18) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kunsinjata lill-konvenuti.

Illi l-konvenuti gew debitament interpellati ihallas dan l-ammont izda baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar, 2008 u bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Frar, 2007, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit- 12 ta' Dicembru, 2008, mill-Avukat Kris Borg u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw l-kawza.
Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------